Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2022/0269(COD)

19.7.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni
(COM(2022)0453 – C9-0307/2022 – 2022/0269(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Mounir Satouri

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-indirizzar u l-qerda tal-użu tax-xogħol furzat huma parti integrali mill-impenn tal-Unjoni Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema. Dan ġie enfasizzat ukoll matul id-diskors tal-2021 dwar l-Istat tal-Unjoni bħala objettiv usa' tal-UE għal tranżizzjoni globali ġusta.

Il-projbizzjoni tal-użu ta' xogħol furzat jew obbligatorju fil-forom kollha tiegħu titqies bħala norma imperattiva tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Hemm bosta strumenti legali internazzjonali u Ewropej, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 29 (inkluż il-Protokoll tagħha) u Nru 105 u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jipprojbixxu x-xogħol furzat mingħajr ambigwità. Barra minn hekk, permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija 2020-2014 adottat mill-Kunsill fl-2020, l-UE impenjat ruħha li tippromwovi politika ta' tolleranza żero dwar it-tħaddim tat-tfal u li teqred ix-xogħol furzat, biex tappoġġja d-drittijiet tal-ħaddiema fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE, u biex tippromwovi d-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista globali kif ukoll ir-ratifika tal-Protokoll tax-Xogħol Furzat tal-ILO.

Minkejja dan il-qafas normattiv, l-iskjavitù moderna u x-xogħol furzat żdiedu f'dawn l-aħħar snin. L-ILO tistma li fl-2021 49,6 miljun ruħ kienu qed jgħixu fi skjavitù moderna madwar id-dinja, li minnhom 27,6 miljun ruħ kienu f'sitwazzjonijiet ta' xogħol furzat, inklużi mill-inqas 11,8 miljun mara u tifla.

F'Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew għaldaqstant talab li jiġi stabbilit strument li jipprojbixxi l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti magħmula jew ittrasportati b'xogħol furzat. F'Settembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-Suq tal-Unjoni. Ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jipprojbixxu lill-operaturi ekonomiċi milli jqiegħdu u jagħmlu disponibbli fis-suq tal-Unjoni jew milli jesportaw mis-suq tal-Unjoni prodotti magħmulin b'xogħol furzat.

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea, u b'dan l-abbozz ta' rapport ifittex li jsaħħaħ il-proposta sabiex jiġi żgurat li r-Regolament jikkontribwixxi għall-qerda effettiva tax-xogħol furzat fuq livell globali u fi ħdan l-UE.

Biex tiġi żgurata l-koerenza mal-istandards internazzjonali, ir-Rapporteur fittex li jallinja d-definizzjoni ta' xogħol furzat fir-Regolament mal-istrumenti, il-gwida u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-ILO. L-ILO mhux biss tipprojbixxi x-xogħol furzat fil-produzzjoni iżda wkoll fil-forniment ta' servizzi, li jistgħu jiġu pprovduti b'mod ugwali minn naħa għal oħra tal-fruntiera. Huwa importanti wkoll li wieħed ikun espliċitu ħafna meta jenfasizza li t-trasport u l-ħżin huma setturi li għandhom jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament peress li hemm vulnerabbiltajiet serji għax-xogħol furzat f'tali setturi.

Ir-Rapporteur għandu wkoll l-għan li jagħlaq lakuna sinifikanti fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea billi jipproponi Artikolu dwar l-aċċess għal rimedju. L-infurzar ta' kwalunkwe Regolament ma jistax ikun effettiv mingħajr ma jiġi żgurat li l-ħaddiema li ġew ivvittimizzati jkollhom aċċess għal rimedju effettiv. Tabilħaqq, l-interessi tal-vittmi jeħtieġ li jkunu fil-qalba ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari fejn jidħlu oqsma speċifiċi ta' riskju għoli b'każijiet sistematiċi u mifruxa ta' xogħol furzat, jeħtieġ li tapplika l-preżunzjoni tal-eżistenza ta' xogħol furzat biex tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jittrattaw il-każijiet b'mod effiċjenti.

Ir-Rapporteur ifittex ukoll li jsaħħaħ ir-rwol tan-Network tal-Unjoni biex jgħin lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jikkoordinaw u jikkollaboraw, u biex jieħu rwol ċentralizzanti bħala punt ta' dħul għall-ilmenti.

It-trasparenza u l-informazzjoni huma għodod importanti għall-infurzar tar-Regolament, u l-bażi tad-*data* dwar l-indikaturi tar-riskji tax-xogħol furzat hija għalhekk kritika. Ir-Rapporteur jemmen li huwa importanti li l-Kummissjoni tkun tista' tuża l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili u t-trade unions, li l-informazzjoni tkun aċċessibbli wkoll għall-pubbliku u li l-bażi tad-*data* tipprovdi lista ta' reġjuni jew pajjiżi ġeografiċi speċifiċi ta' riskju għoli fejn il-prattiki tax-xogħol furzat huma sistematiċi u mifruxa.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex iqisu dawn li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Kif rikonoxxut fil-Preambolu għall-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni Nru 29 dwar ix-xogħol furzat ("il-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO") tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), ix-xogħol furzat jikkostitwixxi ksur serju tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-ILO ddikjarat l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju bħala prinċipju li jikkonċerna d-drittijiet fundamentali. L-ILO tikklassifika l-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni Nru 29 u l-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat ("il-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO") bħala Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO[16]. Ix-xogħol furzat ***ikopri varjetà wiesgħa ta' prattiki ta' xogħol koerċittivi*** fejn ix-xogħol jew is-servizz jiġi impost ***fuq persuni li ma jkunux offrew li jwettquh minn jeddhom***[17].	(1) Kif rikonoxxut fil-Preambolu għall-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni Nru 29 dwar ix-xogħol furzat ("il-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO") tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), ix-xogħol furzat jikkostitwixxi ksur serju tad-dinjità tal-bniedem***, jikkontribwixxi għat-tkomplija tal-faqar u jxekkel il-kisba ta' xogħol deċenti għal kulħadd***. L-ILO ddikjarat l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju bħala prinċipju li jikkonċerna d-drittijiet fundamentali. L-ILO tikklassifika l-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO, ***inkluż*** il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni Nru 29 ***li jissupplementaha u r-Rakkomandazzjoni Nru 203 dwar ix-Xogħol Furzat (Miżuri Supplementari)*** u l-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat ("il-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO") bħala Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO[16] ***u toħroġ rakkomandazzjonijiet biex***

tipprevjeni, telimina, u tirrimedja x-xogħol furzat[16a]. Ix-xogħol furzat ***jinkludi x-xogħol u s-servizzi, li jitwettqu jew jiġu pprovduti tul il-katina tal-valur, u li jiġu imposti fuq kwalunkwe persuna taħt it-theddida ta' penali u li għalihom il-persuna ma tkunx offriet lilha nnifisha b'mod volontarju. [17] Skont l-ILO u n-NU, xi attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi produttivi bħall-ipproċessar, l-agrikoltura, il-ħwejjeġ u s-sajd, u f'ċerti setturi tas-servizzi, bħat-trasport, il-ħżin u l-loġistika, it-tindif u x-xogħol staġjonali għandhom okkorrenza ogħla ta' xogħol furzat[17a]. Din id-definizzjoni tapplika għal xogħol jew servizz impost mill-gvernijiet u mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn korpi privati u individwi. L-ILO żviluppat diversi indikaturi użati biex tidentifika u tindika każijiet ta' xogħol furzat, bħat-theddid u l-ħsara fiżika u sesswali attwali, l-abbuż ta' vulnerabbiltà, l-abbuż ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien u s-sahra eċċessiva, il-qerq, ir-restrizzjoni tal-moviment jew il-konfinament għall-post tax-xogħol jew żona limitata, l-iżolament, il-jasar tad-dejn, iż-żamma tal-pagi jew it-tnaqqis eċċessiv fil-pagi, iż-żamma ta' passaporti u ta' dokumenti tal-identità jew it-theddida ta' denunzja lill-awtoritajiet meta l-ħaddiem ikollu status ta' immigrazzjoni irregolari[17b]. Ix-xogħol furzat ħafna drabi huwa marbut mal-faqar u d-diskriminazzjoni. Il-manipulazzjoni tal-kreditu u tad-dejn, jew mill-impjegaturi jew inkella mill-aġenti tar-reklutaġġ, għadha fattur ewlieni li jonsob lill-ħaddiema vulnerabbli f'sitwazzjonijiet ta' xogħol furzat[17c]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament sabet li, skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-kunsens inizjali u l-volontarjetà jsiru nulli u bla effett jekk ikun hemm abbuż ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà[17d]. Skont il-korpi superviżorji tal-ILO, ix-xogħol fil-ħabsijiet, inkluż** fejn ***jitwettaq għal kumpaniji privati, ma jikkostitwixxix fih***

innifsu xogħol furzat dment li dan isir fuq bażi volontarja, għall-benefiċċju tal-priġunier u japprossima l-kundizzjonijiet ta' relazzjoni tax-xogħol ħielsa. Jenħtieġ li x-xogħol Komunitarju bħala sanzjoni penali alternattiva għall-priġunerija jkun dejjem fl-interess ġenerali pubbliku u jenħtieġ li, fl-ebda ċirkostanza, ma jiġi abbużat mill-Istati bħala mezz biex jiddegrada lill-persuna kkundannata jew biex iċaħħad lill-persuna mid-dinjità tagħha[17e]. F'każijiet li fihom ix-xogħol jew is-servizz jiġi impost ***billi tiġi sfruttata l-vulnerabbiltà tal-ħaddiem, taħt it-theddida ta' penali, tali theddida ma għandhiex bżonn tieħu l-forma ta' sanzjoni penali iżda tista' tieħu l-forma wkoll ta' telf ta' drittijiet jew benefiċċji***.

---

16 https://www.ilo.org/global/standards/introduction-to-international-labour-standards/conventions-and-recommendations/lang--en/index.htm.

17 Id-definizzjoni tal-ILO ta' xogħol furzat skont il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat, 1920 (Nru 29), What is forced labour, modern slavery and human trafficking (Forced labour, modern slavery and human trafficking) (ilo.org).

---

16 https://www.ilo.org/global/standards/introduction-to-international-labour-standards/conventions-and-recommendations/lang--en/index.htm.

[16a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat (Miżuri Supplimentari), 2014.

17 Id-definizzjoni tal-ILO ta' xogħol furzat skont il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat, 1920 (Nru 29), What is forced labour, modern slavery and human trafficking (Forced labour, modern slavery and human trafficking) (ilo.org).

[17a] UNODC (Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità), "Rapport Globali dwar it-Traffikar ta' Bnedmin" 2020, https://www.unodc.org/documents/data-and-analysis/tip/2021/GLOTiP_2020_15jan_web.pdf

ILO (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol) "Global Estimates of Modern Slavery: Forced Labour and Forced Marriage" (Stimi Globali tal-Iskjavitù Moderna: Xogħol Sfurzat u Żwieġ

Sfurzat) 2022, https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf

ILO (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol), "Profits and Poverty: The Economics of Forced Labour" (Profitti u Faqar: L-Ekonomija tax-Xogħol Furzat) (2014), https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---declaration/documents/publication/wcms_243391.pdf

17b

https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---declaration/documents/publication/wcms_203832.pdf

17c ILO, the Profits and Poverty: The economics of forced labour (Profitti u Faqar: L-Ekonomija tax-Xogħol Furzat): https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---declaration/documents/publication/wcms_243391.pdf

17d KEDB, Il-kawżi ta' Chowdury u Oħrajn vs il-Greċja (21884/15) u Zoletic u Oħrajn vs l-Ażerbajġan (20116/12).

17e

https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---relconf/documents/meetingdocument/wcms_089199.pdf Paġna 27

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-użu tax-xogħol furzat huwa mifrux madwar id-dinja. Huwa stmat li madwar 27,6 miljun persuna kienu	(2) L-użu tax-xogħol furzat huwa mifrux madwar id-dinja. Huwa stmat li madwar 27,6 miljun persuna kienu

f'xogħol furzat fl-2021.[18] Gruppi vulnerabbli u marġinalizzati f'soċjetà huma partikolarment suxxettibbli li jiġu mġegħlin iwettqu xogħol furzat. Anke meta ma jkunx impost mill-Istat, ix-xogħol furzat spiss ikun konsegwenza ta' nuqqas ta' governanza tajba ta' ċerti operaturi ekonomiċi.

f'xogħol furzat fl-2021.[18] Gruppi vulnerabbli u marġinalizzati f'soċjetà***, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi etniċi, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni minn kasti aktar baxxi, il-persuni indiġeni u tribali, il-migranti, speċjalment dawk li jkollhomx dokumenti, bi status prekarju u fl-ekonomija informali,*** huma partikolarment suxxettibbli li jiġu mġegħlin iwettqu xogħol furzat. Anke meta ma jkunx impost mill-Istat, ix-xogħol furzat spiss ikun konsegwenza ta' ***assenza jew*** nuqqas ta' governanza tajba ta' ċerti operaturi ekonomiċi ***u turija ta' nuqqas mill-Istat li jinforza drittijiet soċjali u tax-xogħol, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli u emarġinati. Ix-xogħol furzat jista' jseħħ ukoll bħala riżultat tal-kunsens taċitu tal-awtoritajiet. In-nisa u l-bniet jammontaw għal 11,8 miljun mit-total f'xogħol furzat. Aktar minn 3,3 miljuni minn dawk kollha f'xogħol furzat huma tfal. Bejn l-2016 u l-2021, l-għadd stmat ta' persuni f'xogħol furzat żdied b'2,7 miljun[18a]. Ħaddiema migranti li ma humiex protetti bil-liġi jew li ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom jiffaċċjaw riskju ogħla ta' esponiment għal xogħol furzat minn haddiema oħra. Skont l-ILO, 15 % tal-adulti kollha f'xogħol furzat huma migranti[18b]. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali sabet dan huwa wkoll il-każ fl-Unjoni. L-impjegaturi abbużivi jużaw il-pożizzjoni dgħajfa tal-ħaddiema migranti biex jisfurzawhom jaħdmu għal sigħat bla tmiem mingħajr paga jew bi ftit paga, ħafna drabi f'ambjenti perikolużi, u mingħajr it-tagħmir minimu ta' sikurezza meħtieġ bil-liġi[18c]. Il-maġġoranza l-kbira tax-xogħol furzat iseħħ fis-settur privat, b'mod partikolari permezz tal-isfruttament tax-xogħol furzat (17,3 miljun persuna), li jammonta għal 86 % tal-każijiet kollha ta' xogħol furzat[18d]. L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu prevedibbli u ċari sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa u effettiva u***

jikkontribwixxu biex jintemm ix-xogħol furzat.

[18] The 2021 Global Estimates of Modern Slavery (L-Estimi Globali tal-2021 tal-Iskjavitù Moderna), https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf.

[18] The 2021 Global Estimates of Modern Slavery (L-Estimi Globali tal-2021 tal-Iskjavitù Moderna), https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf.

[18a] The 2021 Global Estimates of Modern Slavery (L-Estimi Globali tal-2021 tal-Iskjavitù Moderna),https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf

[18b] The 2021 Global Estimates of Modern Slavery (L-Estimi Globali tal-2021 tal-Iskjavitù Moderna),https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf

[18c]

https://fra.europa.eu/en/content/protecting-migrant-workers-exploitation-fra-opinions

[18d] The 2021 Global Estimates of Modern Slavery (L-Estimi Globali tal-2021 tal-Iskjavitù Moderna),https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR)

	tan-NU kkonkluda li r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) wettqet "ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem" kontra l-Ujguri u "komunitajiet oħra fil-biċċa l-kbira Musulmani" f'dak li r-RPĊ tirreferi għalih bħala r-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (XUAR). Dan jinkludi "it-tortura, il-vjolenza sesswali, it-trattament ħażin, it-trattament mediku furzat, kif ukoll xogħol furzat u rapporti ta' mwiet fil-kustodja" mwettqa f'kampijiet u faċilitajiet oħra ta' detenzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-eradikazzjoni tax-xogħol furzat hija prijorità għall-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem huma stabbiliti bis-sħiħ fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu ***5(2)*** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprevedu li ħadd ma għandu jkun meħtieġ iwettaq xogħol furzat jew obbligatorju. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem interpretat ripetutament l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala li jirrikjedi li l-Istati Membri jippenalizzaw u jipprosegwixxu b'mod effettiv kwalunkwe att li jżomm persuna fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.[19]	(3) ***L-Unjoni għandha l-għan li tkun fuq quddiem nett fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam mal-imġiba responsabbli fin-negozju kif ukoll mad-drittijiet tan-negozji u tal-bniedem. Il-projbizzjoni tal-użu ta' xogħol furzat u obbligatorju fil-forom kollha tiegħu titqies bħala norma imperattiva tad-dritt internazzjonali[18a] li minnha ma hija permessa l-ebda eċċezzjoni.*** L-eradikazzjoni tax-xogħol furzat hija ***għalhekk*** prijorità għall-Unjoni ***li tirriżulta mill-prinċipji u l-impenji internazzjonali tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem***. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem huma stabbiliti ***wkoll*** bis-sħiħ fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ***Il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat inkluż it-tħaddim furzat tat-tfal huma prerekwiżit tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi esterni tal-Unjoni.*** L-Artikolu ***5*** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***jipprojbixxi b'mod espliċitu l-iskjavitù, is-servitù, ix-xogħol furzat u obbligatorju u t-traffikar ta' bnedmin*** u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

jipprevedu li ħadd ma għandu jkun meħtieġ iwettaq xogħol furzat jew obbligatorju. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem interpretat ripetutament l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala li jirrikjedi li l-Istati Membri jippenalizzaw u jipprosegwixxu b'mod effettiv kwalunkwe att li jżomm persuna fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.[19] ***Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tirrikonoxxi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa fl-Artikolu 31 tagħha, li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu, filwaqt liu d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust fl-Artikolu 47 tagħha***. ***Il-Karta Soċjali Ewropea (1961) u l-Karta Soċjali Ewropea Riveduta (1996) jirrikjedu li l-partijiet kontraenti jipproteġu b'mod effettiv id-dritt tal-ħaddiem li jdaħħal remunerazzjoni f'xogħol li jidħol għalih liberament. Barra minn hekk, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, il-Parlament Ewropew ikkundanna bil-qawwa x-xogħol furzat u talab projbizzjoni fuq prodotti magħmulin b'xogħol furzat speċjalment fir-rigward tal-prattiki tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ).***[19b]

18a

https://www.ohchr.org/sites/default/files/Documents/Publications/slaveryen.pdf

[19] Pereżempju l-punti 89 u 102 f'Siliadin vs Franza jew il-punt 105 f'Chowdury u Oħrajn vs Il-Greċja.

[19] Pereżempju l-punti 89 u 102 f'Siliadin vs Franza jew il-punt 105 f'Chowdury u Oħrajn vs Il-Greċja.

[19b] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ġunju 2022, dwar strument kummerċjali ġdid biex jiġu pprojbiti l-prodotti magħmula bix-xogħol furzat; Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar ix-xogħol furzat u s-sitwazzjoni tal-Ujguri fir-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO dwar ix-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal.[20] Għalhekk, huma legalment obbligati jipprevjenu u jeliminaw l-użu tax-xogħol furzat u li jirrapportaw regolarment lill-ILO.	(4) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO dwar ix-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal.[20] Għalhekk, huma legalment obbligati jipprevjenu u jeliminaw l-użu tax-xogħol furzat u li jirrapportaw regolarment lill-ILO. ***Madankollu, hemm Stati Membri, li għadhom ma rratifikawx il-Protokoll għall-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO, minkejja d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jitolbu mill-Istati Membri r-ratifika u l-implimentazzjoni[20a]. L-ILO tistma li hemm 880 000 vittma ta' xogħol furzat fl-Unjoni, minbarra x-xogħol furzat involut, fost l-oħrajn, fl-importazzjonijiet tal-Unjoni mill-bqija tad-dinja.[20b] Barra minn hekk, għad hemm nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. [20c] Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u jittrasponu b'mod korrett il-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni li għandha l-għan li tiġġieled ix-xogħol furzat, il-ksur tad-drittijiet tax-xogħol u t-traffikar ta' bniedem sabiex tiġi infurzata l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott jew servizz li juża x-xogħol furzat. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jorbot legalment lill-Istati Membri biex jipprevjenu u jtemmu l-użu tax-xogħol furzat, biex jipprovdu lill-vittmi protezzjoni u aċċess għal rimedju effettiv, bħal kumpensi, biex jippenalizzaw in-nuqqas ta' konformità ma' deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(4). Skont l-ILO, ir-rimedju jibqa' wieħed mill-prijoritajiet politiċi ewlenin biex jiġi indirizzat ix-xogħol furzat. F'dak ir-rigward, il-Protokoll għall-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO jistipula li l-vittmi kollha ta' xogħol***

furzat jew obbligatorju, irrispettivament mill-preżenza jew l-istatus legali tagħhom fit-territorju nazzjonali, jenħtieġ li jkollhom aċċess għal rimedji xierqa u effettivi, bħal kumpensi. It-tielet pilastru tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem jistipula li r-rimedju huwa dritt fundamentali li jista' jinkludi apoloġiji, restituzzjoni, riabilitazzjoni, kumpens finanzjarju jew mhux finanzjarju, u sanzjonijiet punittivi (kemm jekk kriminali kif ukoll jekk amministrattivi, bħal multi), kif ukoll il-prevenzjoni ta' ħsara permezz ta', pereżempju, inġunzjonijiet jew garanziji ta' nonrepetizzjoni.

---

20 https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---europe/---ro-geneva/---ilo-brussels/documents/publication/wcms_195135.pdf.

---

20 https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---europe/---ro-geneva/---ilo-brussels/documents/publication/wcms_195135.pdf.

[20a] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2071 tal-10 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward tal-Artikoli 1 sa 4 tal-Protokoll fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali (ĠU L 301, 18.11.2015, p. 47) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2037 tal-10 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali (ĠU L 298, 14.11.2015, p. 23).

[20b] ILO 2012 Global Estimate of Forced Labour (L-Estimi Globali tal-Iskjavitù Moderna):

https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---europe/---ro-geneva/---ilo-brussels/documents/genericdocument/wcms_184975.pdf

[20c] Il-kummenti tal-korpi superviżorji tal-ILO dwar l-applikazzjoni ta' Konvenzjonijiet dwar ix-xogħol furzat jistgħu jinsabu f'din il-link (https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=1000:20010:::NO:::)

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Permezz tal-politiki u l-inizjattivi leġiżlattivi tagħha, l-Unjoni ***tfittex li*** teqred l-użu tax-xogħol furzat. L-Unjoni tippromwovi d-diliġenza dovuta f'konformità mal-linji gwida u mal-prinċipji internazzjonali stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi l-ILO, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (minn hawn 'il quddiem l-"OECD") u n-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem in-"NU"), sabiex jiġi żgurat li x-xogħol furzat ma jsibx postu fil-ktajjen tal-valur tal-impriżi stabbiliti fl-Unjoni.	(5) Permezz tal-politiki u l-inizjattivi leġiżlattivi tagħha, l-Unjoni ***jeħtieġ li tintensifika l-isforzi tagħha biex*** teqred l-użu tax-xogħol furzat. ***Il-qerda tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat hija marbuta b'mod inerenti mal-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, il-protezzjoni soċjali, id-djalogu soċjali, il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negozjar kollettiv, id-dritt li tiġi organizzata u tittieħed azzjoni kollettiva, u mġiba sostenibbli fin-negozju. It-tmiem tax-xogħol furzat ma jfissirx id-diżimpenn bħala l-ewwel soluzzjoni.*** L-Unjoni tippromwovi d-diliġenza dovuta***, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni infurzabbli,*** f'konformità mal-linji gwida u mal-prinċipji internazzjonali stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi l-ILO, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (minn hawn 'il quddiem l-"OECD") u n-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem in-"NU"), sabiex jiġi żgurat li x-xogħol furzat ma jsibx postu ***la*** fil-ktajjen tal-valur tal-impriżi stabbiliti***, u lanqas fl-oġġetti u s-servizzi li jridu jsiru disponibbli*** fl-Unjoni. ***Il-gwida tal-ILO[1a] tipprovdi informazzjoni komprensiva, għodod u***

ġbir tad-data biex jiġi miġġieled ix-xogħol furzat tal-adulti u tat-tfal, kif ukoll gwida speċifika għas-settur li jenħtieġ li titqies għall-identifikazzjoni tar-riskju relatat mal-operazzjonijiet proprji u mal-ktajjen tal-valur. Meta timplimenta l-leġiżlazzjoni u l-politiki mmirati lejn il-qerda tax-xogħol furzat, l-Unjoni jenħtieġ li tagħmel id-data rilevanti aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien żejjed. Huwa tabilħaqq kruċjali li tiġi identifikata l-oriġini tal-prodott kif ukoll il-punti tal-ħżin u tat-trasport tiegħu u l-operaturi ekonomiċi tul il-katina tal-valur tiegħu fil-ġlieda effettiva kontra x-xogħol furzat. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni mill-awtoritajiet doganali huma indikaturi tar-riskju deċiżivi peress li x-xogħol furzat jeżisti f'kull reġjun tad-dinja. L-ogħla għadd ta' persuni f'xogħol furzat jinsab fl-Asja filwaqt li meta jiġi kkalkolat ix-xogħol furzat bħala proporzjon tal-popolazzjoni, l-ogħla għadd jinsab fir-reġjun MENA[1b].

[1a] https://ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---declaration/documents/publication/wcms_182096.pdf

[1b] Ikopri l-pajjiżi u t-territorji li ġejjin: Il-Bahrain, l-Iraq, il-Ġordan, il-Kuwajt, il-Libanu, it-Territorju Palestinjan Okkupat, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Jemen. ILO 2021 Global Estimates of Modern Slavery (L-Istimi Globali tal-Iskjavitù Moderna): https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Dan ir-Regolament joħloq strument ekonomiku addizzjonali biex jipprevjeni u jelimina x-xogħol furzat madwar id-dinja billi jipprojbixxi prodotti u servizzi magħmula jew ipprovduti bl-użu tax-xogħol furzat. Minbarra dawn l-istrumenti ekonomiċi, l-Unjoni għandha leġiżlazzjoni komplementari eżistenti biex tissodisfa l-obbligi tagħha li tħares id-dinjità umana ta' kull bniedem u tindirizza l-kawżi ewlenin tax-xogħol furzat, inkluż ix-xogħol furzat tat-tfal, bħal kwistjonijiet ta' sfruttament ekonomiku, faqar, diskriminazzjoni sistemika u nuqqas ta' mogħdijiet regolari u diċenti ta' migrazzjoni tax-xogħol; fil-livell ta' operatur ekonomiku, dan jinkludi prezzijiet taħt il-kost tal-produzzjoni, nuqqas ta' pagi għal għajxien deċenti u, b'mod aktar ġenerali, kwalunkwe prattika ta' xiri inġusta ta' operaturi ekonomiċi[1a].
	[1a] https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_norm/---ipec/documents/publication/wcms_854733.pdf u https://respect.international/wp-content/uploads/2018/06/The-Global-Business-of-Forced-Labour-Report-of-Findings-University-of-Sheffield-2018.pdf

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) L-involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati huwa essenzjali biex jiġi indirizzat ix-xogħol furzat. Dan jinkludi l-involviment ta' operaturi ekonomiċi mal-partijiet ikkonċernati

	rilevanti biex jifhmu kif l-interessi tagħhom huma affettwati mill-attivitajiet tagħhom. Dan jinkludi wkoll l-involviment tal-awtoritajiet kompetenti mal-partijiet ikkonċernati qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet li jista' jkollhom impatt fuq il-partijiet ikkonċernati, u l-kunsiderazzjoni tal-interessi tal-partijiet ikkonċernati. Dan jinvolvi wkoll il-forniment f'waqtu tal-informazzjoni kollha meħtieġa mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha sabiex jagħmlu ġudizzju infurmat dwar kif id-deċiżjoni tista' taffettwahom, u jinkludi l-implimentazzjoni ta' impenji miftiehma.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-projbizzjoni tikkontribwixxi għall-isforzi internazzjonali sabiex jiġi abolit ix-xogħol furzat. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "xogħol furzat" tiġi allinjata mad-definizzjoni stabbilita fil-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO. Id-definizzjoni ta' "xogħol furzat applikat mill-awtoritajiet tal-Istat" jenħtieġ li tiġi allinjata mal-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO, li tipprojbixxi speċifikament l-użu tax-xogħol furzat bħala kastig għall-espressjoni ta' fehmiet politiċi, għall-finijiet tal-iżvilupp ekonomiku, bħala mezz ta' dixxiplina tal-ħaddiema, bħala kastig għall-parteċipazzjoni fi strajks, jew bħala mezz ta' diskriminazzjoni razzjali, reliġjuża jew ta' xort'oħra[31].	(17) ***Il-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, li tippermetti*** l-projbizzjoni ***tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni tal-prodotti u s-servizzi li jsiru bix-xogħol furzat,*** jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-isforzi internazzjonali sabiex jiġi abolit ix-xogħol furzat. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "xogħol furzat" tiġi allinjata mad-definizzjoni stabbilita fil-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO. Id-definizzjoni ta' "xogħol furzat applikat mill-awtoritajiet tal-Istat" jenħtieġ li tiġi allinjata mal-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO, li tipprojbixxi speċifikament l-użu tax-xogħol furzat bħala kastig għall-espressjoni ta' fehmiet politiċi, għall-finijiet tal-iżvilupp ekonomiku, bħala mezz ta' dixxiplina tal-ħaddiema, bħala kastig għall-parteċipazzjoni fi strajks, jew bħala mezz ta' diskriminazzjoni razzjali, reliġjuża jew ta' xort'oħra[31]. ***L-Artikolu 3(a) tal-Konvenzjoni Nru 182 tal-ILO rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom tat-***

Tħaddim tat-Tfal, jirreferi għall-forom kollha ta' skjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, bħall-bejgħ u t-traffikar ta' tfal, il-jasar tad-dejn u s-servitù u x-xogħol furzat jew obbligatorju, inkluż ir-reklutaġġ furzat jew obbligatorju ta' tfal għall-użu f'kunflitt armat. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, tipprojbixxi l-esponiment ta' persuni b'diżabilità għal xogħol furzat u tirrikjedi li l-persuni b'diżabilità jkunu protetti, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, minn xogħol furzat jew obbligatorju. Il-prinċipju ta' trattament ugwali jenħtieġ li japplika wkoll f'workshops protetti. Fil-każ ta' prodotti jew servizzi li joriġinaw minn żoni ġeografiċi, siti ta' produzzjoni jew attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi f'żoni speċifiċi bi prattiki tax-xogħol furzat sistematiċi u mifruxa elenkati fil-bażi tad-data skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jassumu li dawn ġew manifatturati jew ipprovduti bl-użu ta' xogħol furzat. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li tkun ir-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku li juri li l-prodott jew is-servizz tiegħu ġie mmanifatturat jew ipprovdut mingħajr l-użu ta' xogħol furzat, u li, f'każ ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 6(4), kwalunkwe użu ta' xogħol furzat ġie rimedjat. Fil-każijiet kollha, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-oneru tal-provi ma jkunx għoli b'mod sproporzjonat. Il-Kummissjoni, wara li tinvolvi ruħha mal-esperti rilevanti, inkluż mill-ILO, l-OECD, is-SEAE, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, jenħtieġ li tinvolvi ruħha fl-isforzi biex jintemm ix-xogħol furzat billi tipprovdi, fil-bażi tad-data skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, informazzjoni aġġornata regolarment dwar ir-riskji tax-xogħol furzat f'żoni ġeografiċi speċifiċi, f'siti ta' produzzjoni u f'attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi f'żoni speċifiċi. Il-bażi tad-data jenħtieġ li tkun ċara u trasparenti sabiex l-operaturi ekonomiċi, u b'mod partikolari l-SMEs u l-

	mikrointrapriżi, ikunu jistgħu jużaw id-data għad-diliġenza dovuta tagħhom. Tali data jenħtieġ li tkun aċċessibbli liberament u faċilment għall-pubbliku, f'format aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabilità u fil-lingwi kollha ta' ħidma tal-Unjoni.
[31] What is forced labour, modern slavery and human trafficking (Forced labour, modern slavery and human trafficking) (ilo.org) u l-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 29 u Nru 105 imsemmijin hemm.	[31] What is forced labour, modern slavery and human trafficking (Forced labour, modern slavery and human trafficking) (ilo.org) u l-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 29 u Nru 105 imsemmijin hemm.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "xogħol furzat" tfisser xogħol ***furzat*** jew ***obbligatorju kif definit fl-Artikolu*** 2 tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, inkluż it-tħaddim furzat tat-tfal;	(a) "xogħol furzat" tfisser ***kwalunkwe*** xogħol jew ***servizz impost fuq kwalunkwe persuna taħt it-theddida ta' kwalunkwe penali u li għalih il-persuna msemmija ma tkunx offriet lilha nnifisha b'mod volontarju f'konformità mal-Artikolu*** 2 tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, inkluż it-tħaddim furzat tat-tfal; ***fejn ix-xogħol furzat jista' jseħħ tul il-katina tal-valur;***

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "xogħol furzat impost mill-awtoritajiet tal-Istat" tfisser l-użu tax-xogħol furzat ***kif deskritt fl-Artikolu*** 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105) tal-	(b) "xogħol furzat impost mill-awtoritajiet tal-Istat" tfisser l-użu tax-xogħol furzat***:***

Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

(i) bħala mezz ta' koerċizzjoni jew edukazzjoni politika jew bħala kastig minħabba t-tħaddin jew l-espressjoni ta' fehmiet politiċi jew opinjonijiet ideoloġikament opposti għas-sistema politika, soċjali jew ekonomika stabbilita;

(ii) bħala metodu ta' mobilizzazzjoni u użu tax-xogħol għall-finijiet ta' żvilupp ekonomiku;

(iii) bħala mezz ta' dixxiplina fuq il-ħaddiema;

(iv) bħala kastig għall-parteċipazzjoni fi strajks;

(v) bħala mezz ta' diskriminazzjoni razzjali, soċjali, nazzjonali jew reliġjuża;

f'konformità mal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "diliġenza dovuta fir-rigward tax-xogħol furzat" tfisser l-isforzi mill-operatur ekonomiku sabiex jimplimenta rekwiżiti obbligatorji***, linji gwida volontarji***, rakkomandazzjonijiet jew prattiki sabiex jidentifika, jipprevjeni, ***jimmitiga jew*** itemm l-użu tax-xogħol furzat fir-rigward ta' prodotti ***li jkunu se jsiru disponibbli fis-suq tal-Unjoni jew li jkunu se jiġu esportati***;	(c) "diliġenza dovuta fir-rigward tax-xogħol furzat" tfisser l-isforzi mill-operatur ekonomiku sabiex jimplimenta rekwiżiti obbligatorji ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli***, rakkomandazzjonijiet jew prattiki ***f'konformità mal-istandards internazzjonali, il-linji gwida volontarji li jissupplimentaw dawk ta' qabel*** sabiex jidentifika, jipprevjeni, itemm ***u jirrimedja*** l-użu tax-xogħol furzat fir-rigward ta' prodotti ***u servizzi, fejn it-tmiem tax-xogħol furzat ma jfissirx id-diżimpenn bħala l-ewwel istanza***;

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta tan-NU, tal-ILO, tal-OECD jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn;	(c) il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta tan-NU, tal-ILO, tal-OECD jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn***, kif ukoll tas-sħab soċjali, b'mod partikolari dawk il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet li huma relatati maż-żoni ġeografiċi, is-siti ta' produzzjoni u l-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi f'żoni speċifiċi bi prattiki tax-xogħol furzat sistematiċi u mifruxa;***

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Ir-Rimedju
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għal rimedju u rimedjazzjoni effettiva lill-vittmi kull meta jinkiser l-Artikolu 3.
	2. Wara deċiżjoni ta' projbizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, wara li jinvolvu ruħhom mal-vittmi u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħar-rappreżentanti tal-vittmi, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-soċjetà ċivili, jiddeterminaw ir-rimedju. L-operaturi ekonomiċi għandhom, bl-appoġġ tal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, jiżviluppaw ukoll miżuri biex

	jipprevjenu l-okkorrenza mill-ġdid fil-futur.
	3. Sabiex titneħħa d-deċiżjoni ta' projbizzjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 6, jeħtieġ li tiġi pprovduta evidenza ta' rimedju lill-awtorità kompetenti.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b
	Obbligu ekwivalenti li jirriżulta minn leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni
	Meta operatur ekonomiku, f'konformità mal-obbligi ekwivalenti li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, ikun diġà ssodisfa bis-sħiħ l-obbligu tiegħu li jidentifika, jipprevjeni, itemm u jirrimedja x-xogħol furzat fir-rigward ta' prodotti jew servizzi li jkunu qed jiġu investigati, l-informazzjoni dwar tali azzjonijiet meħuda għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti. L-għoti ta' tali informazzjoni għandu jitqies bħala li jkun issodisfa l-obbligu tal-operatur ekonomiku li jipprovdi informazzjoni dwar tali azzjonijiet meħuda fir-rigward tax-xogħol furzat skont dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikomplu jikkollaboraw mal-awtoritajiet kompetenti matul l-investigazzjoni u l-proċedura tad-deċiżjoni skont l-Artikoli 4 sa 6 u għandhom jipprovdu aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bażi tad-data ta' żoni ***jew*** ta' prodotti ***b'riskju*** ta' xogħol furzat	Bażi tad-data ta' żoni***,*** ta' prodotti ***jew ta' servizzi b'riskji*** ta' xogħol furzat

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha ***titlob għarfien espert estern sabiex*** tipprovdi bażi tad-data indikattiva, mhux eżawrjenti, ***verifikabbli*** u aġġornata regolarment tar-riskji ta' xogħol furzat f'żoni ġeografiċi speċifiċi ***jew*** fir-rigward ta' prodotti speċifiċi inkluż fir-rigward ta' xogħol furzat impost mill-awtoritajiet tal-Istat. Il-bażi tad-data għandha tkun ibbażata fuq il-linji gwida msemmijin fl-Artikolu 23(a), (b) u (c), u fuq is-sorsi esterni rilevanti ta' informazzjoni minn, fost l-oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali u awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.	1. Il-Kummissjoni***, wara li tinvolvi ruħha mal-esperti rilevanti, inkluż mill-ILO, l-OECD, is-SEAE, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili,*** għandha tipprovdi bażi tad-data indikattiva, mhux eżawrjenti, ***ibbażata fuq l-evidenza*** u aġġornata regolarment tar-riskji ta' xogħol furzat f'żoni ġeografiċi speċifiċi***, siti ta' produzzjoni u attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi f'żoni speċifiċi*** fir-rigward ta' prodotti ***u servizzi*** speċifiċi inkluż fir-rigward ta' xogħol furzat impost mill-awtoritajiet tal-Istat. ***Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti maħtura f'konformità mal-Artikolu 12 għandhom jassumu li l-prodotti jew is-servizzi li joriġinaw minn żoni ġeografiċi, minn siti ta' produzzjoni jew minn attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi f'żoni speċifiċi bi prattiki tax-xogħol furzat sistematiċi u mifruxa elenkati fil-bażi tad-data, ġew manifatturati jew provduti bl-użu ta' xogħol furzat. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku kkonċernat li juri li l-prodott jew is-servizz tiegħu ġie mmanifatturat jew ipprovdut mingħajr l-użu ta' xogħol furzat. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-preżunzjoni, il-bażi tad-data għandha tinkludi lista ddedikata b'informazzjoni bbażata fuq l-evidenza.***

	Fil-każijiet kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-oneru tal-provi ma jkunx għoli b'mod sproporzjonat.
	Il-bażi tad-data għandha tkun ibbażata fuq il-linji gwida msemmijin fl-Artikolu 23(a), (b) u (c), ***li għandhom ikunu komprensivi u ppubblikati mingħajr dewmien, mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** u fuq is-sorsi esterni rilevanti ta' informazzjoni minn, fost l-oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali u awtoritajiet ta' pajjiżi terzi***, bħall-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles jew il-pajjiżi kandidati, kif ukoll is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili***.
	Il-bażi tad-data trid tkun ċara u trasparenti sabiex l-operaturi ekonomiċi, u b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi, ikunu jistgħu jużaw id-data għad-diliġenza dovuta tagħhom. Tali data għandha tkun aċċessibbli liberament u faċilment għall-pubbliku, f'format aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabilità. L-informazzjoni mill-awtoritajiet doganali relatata mal-prodotti jew mas-servizzi kkonċernati bħall-oriġini, il-postijiet tal-ħżin u l-punti tat-trasport għandha tiġi inkluża fil-bażi tad-data.
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-bażi tad-data tkun faċli għall-utent u ma toħloqx piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-bażi tad-data għandha tinkludi wkoll lista aġġornata tal-operaturi ekonomiċi, u tal-prodotti jew tas-servizzi

	affettwati minn kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 6(4).
	Il-bażi tad-data għandha tindika t-tħassir ta' kwalunkwe operatur ekonomiku, prodott jew servizz minnha mingħajr dewmien żejjed. Il-projbizzjonijiet tas-suq preċedenti kollha u t-tneħħija tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu arkivjati.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-Network għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru, minn rappreżentanti mill-Kummissjoni u, fejn xieraq, minn esperti mill-awtoritajiet doganali.	2. In-Network għandu jkun ***organizzat u mmexxi mill-Kummissjoni, u*** magħmul minn rappreżentanti mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru, minn rappreżentanti mill-Kummissjoni u, fejn xieraq, minn esperti mill-awtoritajiet doganali.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Espert indipendenti wieħed maħtur mill-Parlament Ewropew għandu jipparteċipa bħala osservatur tan-Network.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali transindustrijali fil-livell tal-Unjoni

	jistgħu jaħtru erba' rappreżentanti bħala osservaturi tan-Network b'rappreżentazzjoni ugwali tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn rilevanti, il-partijiet ikkonċernati li ġejjin jistgħu jiġu mistiedna wkoll jipparteċipaw bħala osservaturi:
	- rappreżentanti tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol;
	- rappreżentanti tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali;
	- rappreżentanti tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u kwalunkwe korp rilevanti ieħor tal-Unjoni;
	- rappreżentanti ta' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi;
	- rappreżentanti tal-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, il-pajjiżi li jipparteċipaw fis-suq intern jew il-pajjiżi kandidati;
	- rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u esperti rilevanti oħra.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iwettaq investigazzjonijiet konġunti;	(b) iwettaq investigazzjonijiet konġunti ***fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, dment li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jagħtu l-kunsens tagħhom u li l-gvern tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz li fih ikunu se***

	jsiru l-ispezzjonijiet ikun ġie nnotifikat uffiċjalment u ma jkun qajjem l-ebda oġġezzjoni;

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) japprova r-riċerka u jissorvelja sitwazzjonijiet ta' prattiki tax-xogħol furzat mifruxa u sistemiċi;

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta'*** gwida sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-Regolament;	(d) ***jiżviluppa*** gwida sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-Regolament ***u jissorvelja l-applikazzjoni tiegħu bid-detezzjoni u l-kontribut għas-soluzzjoni ta' kwalunkwe allinjament ħażin***;

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jikkondividi informazzjoni, inkluż dwar il-kawżi ewlenin tax-xogħol furzat, u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lil korpi rilevanti oħra tal-Unjoni f'każ ta' detezzjoni ta' prattiki tax-xogħol furzat;

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' għarfien espert u tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali;	(f) jippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' għarfien espert u tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' għarfien espert u tal-aħjar prattiki mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u atturi oħra;

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) jissorvelja r-rimedju għal xogħol furzat;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) jissorvelja r-ridirezzjonar tal-prodotti, li ġew irrifjutati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni, li għandhom jintużaw fl-

interess tal-pubbliku;

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fd) jistabbilixxi punt ta' kuntatt biex joffri l-possibbiltà li tiġi rrapportata informazzjoni dwar ksur allegat jew suspettat tal-Artikolu 3 u li jiġu stabbiliti proċeduri ta' segwitu għall-fini li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni matul ir-riferiment kollu.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa u tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar permezz tan-Network ***u tipparteċipa fil-laqgħat*** tan-Network.	4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa u tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar permezz tan-Network.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-segretarjat tan-Network ***u tipprovdi r-riżorsi xierqa biex tiżgura l-funzjonament effiċjenti tan-Network f'konformità mal-objettivi tiegħu***.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni
Referenzi	COM(2022)0453 – C9-0307/2022 – 2022/0269(COD)
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA IMCO 6.10.2022 6.10.2022
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 6.10.2022
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.3.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Mounir Satouri 30.11.2022
Artikolu 58 – Proċedura b'kumitat konġunt Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.3.2023
Eżami fil-kumitat	26.4.2023
Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 0 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Atidzhe Alieva-Veli, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Katrin Langensiepen, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Jörg Meuthen, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Elżbieta Rafalska, Daniela Rondinelli, Pirkko Ruohonen-Lerner, Mounir Satouri, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Carmen Avram, Gheorghe Falcă, Aurore Lalucq, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Ralf Seekatz
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrey Novakov, Helmut Scholz

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
ID	Dominique Bilde
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Gheorghe Falcă, Cindy Franssen, Andrey Novakov, Ralf Seekatz, Romana Tomc, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru
S&D	Alex Agius Saliba, Marc Angel, Carmen Avram, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Daniela Rondinelli
The Left	Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri

0	-

6	0
ECR	Chiara Gemma, Elżbieta Rafalska, Pirkko Ruohonen-Lerner
ID	Elena Lizzi, Stefania Zambelli
NI	Jörg Meuthen

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni